MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 196/2004

**Ballut Blocks Services Ltd (C8360)**
**Vs**

**Joseph Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema s-socjeta’ attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ erbat elef hames mija disgha u erbghin Lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (LM 4549.25) liema somma tirrapprezenta bilanc minn ammont akbar dovut mill-konvenut lis-socjeta’ attrici ghal servizz ta’ skavar imwettaq mill-istess socjeta’ attrici fuq inkarigu tal-konvenut;

Bl-imghax legali mit-30 ta’ Dicembru 1998 sad-data ta’ l-effettiv pagament u bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk relattivi ghall-ittri ufficjali tal-15 ta’ Mejju 2001, 31 ta’ Lulju 2001, 8 ta’ Ottubru 2002 u 19 ta’ Settembru 2003 u l-

mandat ta' sekwestru kontestwalment prezentat kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu;

Rat in-nota pprezentata mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-17 ta' Frar, 2005 permezz ta' liema hija rriduciet it-talba ghas-sorte ghall-ammont ta' tlett elef mitejn tmienja u erbghin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (LM3,248.92) stante hlas akkont fil-mori da parti tal-konvenut, u zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez u l-imghax.

Rat in-Nota ipprezentata mill-konvenut fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2005, permezz ta' liema ammetta it-talbiet attrici;

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef mitejn, tmienja u erbghin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (LM3,248.92), bilanc tas-sorte, bl-imghax kif mitlub sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------